Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Frar 2017**
**(OR. en)**

**5478/17**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2012/0193(COD)**

**DROIPEN 6**
**JAI 54**
**GAF 5**
**FIN 31**
**CADREFIN 6**
**FISC 23**
**CODEC 76**

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 5434/17 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali<br>- Qbil politiku |

1. Fit-12 ta' Lulju 2012 il-Kummissjoni ressqet proposta[1] għal Direttiva dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali.

2. L-abbozz ta' Direttiva għandu l-għan li jistabbilixxi miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva, proporzjonata u dissważiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali.

3. Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva fis-6 ta' Ġunju 2013[2], u b'hekk ta lill-Presidenza mandat ta' negozjar biex tidħol fi trilogi mal-Parlament Ewropew.

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' Direttiva fl-ewwel qari fis-16 ta' April 2014[3].

[1] Dok. 12683/12.
[2] Dok. 10729/13.
[3] Dok. 9024/14.

5. Wara seba' trilogi bejn l-2014 u l-2016, fit-30 ta' Novembru 2016 il-Presidenza u r-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew megħjuna mill-Kummissjoni laħqu qbil dwar it-test ġenerali ta' kompromess li jidher fl-Anness.

6. F'laqgħa konġunta li saret fit-12 ta' Jannar 2017, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew ivvutaw dwar it-test tal-abbozz ta' Direttiva kif inħareġ wara n-negozjati interistituzzjonali. Il-Presidenti tal-Kumitati msemmija, is-Sinjura Inge Gräßle u s-Sur Claude Moraes, indirizzaw ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li tiddikjara li, jekk dan it-test kellu jintbagħat formalment lill-Parlament Ewropew bħala l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għal din il-proposta leġislattiva, huma ser jirrakkomandaw lill-Membri tal-Kumitati CONT u LIBE u mbagħad lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għall-verifika mill-ġuristi-lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet.

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu fil-25 ta' Jannar 2017, ta parir lill-Kunsill li jilħaq qbil politiku dwar it-test tad-Direttiva kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota. Id-delegazzjoni Ċiprijotta, Ġermaniża, Ungeriża, Irlandiża, Maltija u Pollakka b'hekk iddikjaraw li huma mhumiex favur it-test ta' kompromess attwali.

8. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden jilħaq qbil politiku dwar it-test tad-Direttiva kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.

<u>**ANNESS**</u>

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri[4],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ma tolqotx biss il-ġestjoni tal-approprjazzjonijiet tal-baġit, iżda testendi għall-miżuri kollha li jaffettwaw negattivament jew jheddu li jaffettwaw negattivament l-assi tagħha, u dawk tal-Istati Membri saħansitra meta huma ta' rilevanza għall-politiki tal-Unjoni.

[4] ĠU C , , p. .

(2) Il-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej tas-26 ta' Lulju 1995[5], inklużi l-Protokolli għaliha tas-27 ta' Settembru 1996[6], tad-29 ta' Novembru 1996[7] u tad-19 ta' Ġunju 1997[8] ('il-Konvenzjoni') jistabbilixxu regoli minimi marbuta mad-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Konvenzjoni tfasslet mill-Istati Membri li nnutaw li l-frodi li taffettwa d-dħul u n-nefqa tal-Unjoni f'bosta każijiet ma kinitx limitata għal pajjiż waħdani u ta' spiss kienet issir minn netwerks kriminali organizzati; fuq dik il-bażi, diġà kien rikonoxxut f'dik il-Konvenzjoni li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kienet titlob il-prosekuzzjoni kriminali tal-imġiba frodulenti li jagħmel ħsara lil dawk l-interessi. B'mod parallel, ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[9]. Dak ir-Regolament jistipula regoli ġenerali relatati mal-kontrolli omoġenji u mal-miżuri u l-pieni amministrattivi li jikkonċernaw l-irregolaritajiet fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni filwaqt li, fl-istess ħin, jirreferi għal regoli settorjali f'dan il-qasam, azzjonijiet frodulenti kif definiti fil-Konvenzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi u l-proċedimenti kriminali tal-Istati Membri.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni li kien suġġett ta' miżuri ta' armonizzazzjoni bħar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, huwa essenzjali li l-liġijiet kriminali tal-Istati Membri jibqgħu jiġu approssimati billi tiġi kkomplementata l-protezzjoni skont il-liġi amministrattiva u ċivili għall-aktar tipi serji ta' imġiba marbut mal-frodi f'dan il-qasam, filwaqt li jiġu evitati l-inkonsistenzi, kemm fi kif ukoll fost dawn l-oqsma tal-liġi.

5 ĠU C 316, 27.11.1995, p. 48.
6 ĠU C 313, 23.10.1996, p. 1.
7 ĠU C 151, 20.5.1997, p. 1.
8 ĠU C 221, 19.7.1997, p. 11.
9 Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

(4) Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni titlob definizzjoni komuni ta' frodi li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u li tkopri imġiba frodulenti fir-rigward tan-nefqa u d-dħul u l-assi għad-detriment tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (il-baġit tal-'Unjoni'), inklużi operazzjonijiet finanzjarji bħal attivitajiet ta' għoti u teħid b'self. Il-kunċett ta' reati serja kontra s-sistema komuni tal-VAT kif stabbilita mid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE jirreferi għall-aktar forom serji ta' frodi tal-VAT, b'mod partikolari l-frodi karusell, frodi permezz ta' negozjanti neqsin u l-frodi tal-VAT imwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali li joħolqu theddid serju għas-sistema komuni tal-VAT u, b'hekk, għall-baġit tal-Unjoni. Reati kontra s-sistema komuni tal-VAT għandhom jitqiesu serji meta jkollhom rabta mat-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar tal-Unjoni, jirriżultaw minn skema qarrieqa li biha dawn ir-reati jitwettqu b'mod strutturat bil-għan li jittieħed vantaġġ mhux xieraq mis-sistema komuni tal-VAT u jinvolvu dannu totali kkawżat mir-reati li jaqbeż il-limitu ta' EUR 10 miljun. Il-kunċett ta' dannu totali jirreferi għad-dannu stmat, kemm għall-interessi finanzjarji tal-Istati Membri kkonċernati kif ukoll għall-Unjoni, li jirriżulta mill-iskema ta' frodi sħiħa. Dan jeskludi rati ta' interess[…] jew pieni. Din id-Direttiva għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-isforzi fil-ġlieda kontra dawn il-fenomeni kriminali.

(4a) Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit taħt ġestjoni kondiviża jew indiretta, hija tista' tiddelega kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lill-Istati Membri, jew tafdahom lil aġenziji jew korpi stabbiliti skont it-Trattati jew ċerti entitajiet u persuni oħrajn. Fi kwalunkwe każ minn dawn, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jgawdu l-istess livell ta' protezzjoni bħal meta jkunu taħt il-ġestjoni diretta tal-Kummissjoni.

(4b) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, in-nefqa marbuta mal-akkwist hija kwalunkwe nefqa b'rabta ma' kuntratti pubbliċi stabbiliti bl-Artikolu 101(1) tar-Regolament Nru 966/2012[10] dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

[10] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, ĠU L 298, 20.10.2012, p. 1.

(5) Il-leġislazzjoni tal-Unjoni kontra l-ħasil tal-flus hija applikabbli bis-sħiħ għal ħasil tar-rikavat minn reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva. Referenza magħmula għal din il-leġislazzjoni għandha tiżgura li s-sistema ta' sanzjonijiet mdaħħla minn din id-Direttiva tapplika għall-każijiet serji kollha ta' reati kriminali kontra l-interess finanzjarju tal-Unjoni.

(6) Il-korruzzjoni tikkostitwixxi theddida partikolarment serja għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li tista' f'ħafna każijiet tkun relatata wkoll ma' aġir frodulenti. Peress li kull uffiċjal pubbliku għandu d-dmir jeżerċita ġudizzju jew diskrezzjoni b'mod imparzjali, l-għoti ta' tixħim sabiex jiġu influwenzati l-ġudizzju jew id-diskrezzjoni ta' uffiċjal pubbliku u t-teħid ta' tali tixħim jenħtieġ li jaqgħu taħt id-definizzjonijiet tal-korruzzjoni irrispettivament mil-liġi jew regolamenti tal-pajjiż jew l-organizzazzjoni internazzjonali tal-uffiċjal partikolari.

(7) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni jistgħu jiġu affettwati negattivament minn ċerti tipi ta' imġiba ta' uffiċjal pubbliku fdat bil-ġestjoni ta' fondi jew assi, kemm jekk inkarigat jew f'funzjoni superviżorja, jimmira li juża ħażin il-fondi jew l-assi, b'mod li jmur kontra l-iskop previst, fejn l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ssirilhom ħsara minħabba dan. Għalhekk hemm bżonn li tkun introdotta definizzjoni preċiża tar-reati li tkopri aġir bħal dan.

(8) Fir-rigward tar-reati ta' korruzzjoni passiva u miżappropriјazzjoni, jeħtieġ li tiġi inkluża definizzjoni tal-uffiċjali pubbliċi li tkopri l-uffiċjali rilevanti kollha, kemm jekk ikollhom kariga formali fl-Unjoni fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi. Il-persuni privati qed ikunu dejjem aktar involuti fil-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni. Sabiex il-fondi tal-Unjoni jitħarsu b'mod adegwat mill-korruzzjoni u l-miżappropriјazzjoni, id-definizzjoni ta' 'uffiċjal pubbliku' għaldaqstant jeħtieġ li tkopri wkoll persuni li ma għandhomx kariga formali, iżda li madankollu ngħataw u qed jaqdu, b'mod simili, funzjoni tas-servizz pubbliku f'rabta ma' fondi tal-Unjoni, bħall-kuntratturi involuti fil-ġestjoni ta' tali fondi.

(9) Fir-rigward tar-reati kriminali previsti f'din id-Direttiva, il-kunċett ta' intenzjoni jrid japplika għall-elementi kollha li jikkostitwixxu dawk ir-reati. In-natura intenzjonali ta' att jew ommissjoni tista' tiġi dedotta minn ċirkostanzi fattwali oġġettivi. Reati minn persuni ġuridiċi li ma jirrikjedux intenzjoni mhumiex koperti minn din id-Direttiva.

(10) Din id-Direttiva ma tobbligax lill-Istati Membri jipprevedu sanzjonijiet li jikkonsistu fi priġunerija għal min iwettaq reati kriminali li mhumiex ta' natura serja, f'każijiet fejn l-intenzjoni tkun preżunta skont il-liġi nazzjonali.

(11) Xi reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni huma fil-prattika spiss relatati mill-qrib mar-reati koperti mill-Artikolu 83(1) tat-Trattat u minn leġislazzjoni tal-Unjoni bbażata fuq dan l-Artikolu. Għalhekk jenħtieġ li tiġi żgurata koerenza bejn dik il-leġislazzjoni u din id-Direttiva fil-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet.

(12) Minħabba li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni tista' ssirilhom ħsara jew jiġu mhedda wkoll mill-imġiba ta' persuni ġuridiċi, dawn jenħtieġ li jkunu responsabbli għar-reati kriminali, kif definiti f'din id-Direttiva, imwettqa f'isimhom.

(13) Sabiex ikunu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'mod ekwivalenti permezz ta' miżuri li jenħtieġ li jaġixxu bħala deterrent fl-Unjoni kollha, l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jipprevedu_ċerti tipi u livelli ta' sanzjonijiet meta jitwettqu r-reati kriminali definiti f'din id-Direttiva. Il-livelli tas-sanzjonijiet jenħtieġ li ma jmorrux lil hinn minn dak li hu proporzjonat għar-reati.

(14) Billi din id-Direttiva tipprevedi regoli minimi, l-Istati Membri huma liberi li jadottaw jew iżommu regoli aktar stretti għal reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(15) Din id-Direttiva ma taffettwax l-applikazzjoni proprja u effikaċi ta' miżuri dixxiplinarji_jew pieni għajr dawk ta' natura kriminali. Sanzjonijiet ta' natura oħra, li ma jistgħux jiġu assimilati ma' pieni kriminali, u li huma diġà imposti fuq l-istess persuna għall-istess imġiba, jistgħu jitqiesu meta tingħata sentenza lil dik il-persuna għal reat kriminali definit taħt din id-Direttiva. Għal sanzjonijiet oħra, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jenħtieġ li jkun rispettat bis-sħiħ. Din id-Direttiva ma tikkriminalizzax aġir li mhux ukoll soġġett għal pieni dixxiplinarji jew miżuri oħra dwar ksur ta' dmirijiet uffiċjali, f'każijiet fejn tali pieni dixxiplinarji jew miżuri oħra jistgħu jiġu applikati lill-persuni kkonċernati.

(16) Is-sanzjonijiet għal persuni fiżiċi jenħtieġ li f'ċerti każijiet jipprevedu piena massima ta' priġunerija ta' mhux anqas minn erba' snin. Dawn jenħtieġ li jinkludu għall-inqas każijiet li jinvolvu danni konsiderevoli mwettqa jew vantaġġi miksuba, fejn id-danni jew il-vantaġġi jenħtieġ li jitqiesu konsiderevoli fejn dawn jinvolvu aktar minn EUR 100 000. Dawk l-Istati Membri li s-sistemi legali tagħhom ma jipprevedux limitu espliċitu għal dannu jew vantaġġ konsiderevoli fil-leġislazzjoni bħala bażi għal piena massima jenħtieġ li jiżguraw li l-ammont ta' dannu jew vantaġġ jittieħed debitament inkunsiderazzjoni mill-qrati tagħhom fid-determinazzjoni tas-sanzjonijiet għal reati ta' frodi u marbuta ma' frodi. Id-Direttiva ma twaqqafx lill-Istati Membri milli jipprevedu elementi oħrajn li jindikaw in-natura serja ta' reat, pereżempju meta d-dannu jew il-vantaġġ ikun potenzjali, iżda ta' natura konsiderevoli ħafna. Madankollu, għar-reati kontra s-sistema komuni tal-VAT, il-limitu li, kif jinqabeż, jenħtieġ li wieħed jissupponi li r-reat ikun konsiderevoli huwa, skont id-Direttiva, EUR 10 miljun.

L-introduzzjoni ta' livelli minimi ta' sanzjonijiet massimi ta' priġunerija hija meħtieġa sabiex jiġi garantit li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jingħataw l-istess livell ta'protezzjoni fl-Unjoni kollha. Is-sanzjonijiet ser iservu bħala deterrent qawwi għal kriminali potenzjali, b'effett f'kull parti tal-Unjoni.

(17) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li meta r-reat ikun twettaq fi ħdan organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI[11], dan jenħtieġ li jitqies bħala ċirkostanza aggravanti skont ir-regoli applikabbli stabbiliti mis-sistemi legali tagħhom. Jenħtieġ li jiżguraw li din iċ-ċirkostanza aggravanti tkun disponibbli biex l-imħallfin iqisuha meta jagħtu sentenzi fir-rigward ta' trasgressuri, għalkemm ma hemm l-ebda obbligu fuq l-imħallfin biex japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi aggravanti. L-Istati Membri mhumiex obbligati jipprevedu ċ-ċirkostanza aggravanti meta fil-liġi nazzjonali r-reati fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841 jiġu kriminalizzati bħala reat separat u jistgħu jwasslu għal livelli ta' sanzjonijiet aktar severi.

[11] ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42.

(18) Minħabba b'mod partikolari l-mobbiltà tal-awturi u r-rikavat li jirriżulta minn attivitajiet illegali għad-detriment tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll minħabba l-investigazzjonijiet transkonfinali kumplessi li din tinvolvi, l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu dawn l-attivitajiet. B'hekk l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ġurisdizzjoni tagħhom tinkludi sitwazzjonijiet fejn reat jitwettaq permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni li kien hemm aċċess għaliha mit-territorju tagħhom.

(18a) Minħabba li jista' jkun hemm ġurisdizzjonijiet multipli għal reati transkonfinali li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* jiġi rispettat b'mod sħiħ fl-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali li tittrasponi din id-Direttiva.

(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jistipulaw regoli dwar il-perijodi ta' limitazzjoni meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu l-attivitajiet illegali għad-detriment tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'każijiet ta' reati punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas erba' snin priġunerija, il-perijodu ta' limitazzjoni jenħtieġ li jkun mill-inqas ħames snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal dawk l-Istati Membri li ma jistabbilixxux perijodi ta' limitazzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-eżekuzzjoni.

(21) Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kooperazzjoni transkonfinali u l-għajnuna legali reċiproka f'materji kriminali u għal regoli oħrajn skont il-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013[12] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), hemm il-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet xierqa għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex tkun żgurata azzjoni effettiva kontra r-reati kriminali definiti f'din id-Direttiva li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni kif ukoll l-għajnuna teknika u operazzjonali mogħtija mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti peress li huma jistgħu jeħtieġu li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet tagħhom.

L-għajnuna mill-Kummissjoni m'għandhiex tinkludix il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fil-proċeduri ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni ta' każijiet kriminali individwali mwettqin mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-Qorti tal-Awdituri u l-awdituri responsabbli mill-awditjar tal-baġits tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji jenħtieġ li jiżvelaw lill-OLAF u lil awtoritajiet kompetenti oħra kull fatt li jista' jiġi kkwalifikat bħala reat kriminali skont din id-Direttiva, u jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-korpi tal-awditjar nazzjonali, kif definiti fl-Artikolu 59 tar-Regolament 966/2012[13], jagħmlu l-istess, skont l-Artikolu 8 fir-Regolament 883/2013.

(22) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-miżuri meħudin mill-Istati Membri għall-konformità mad-Direttiva. Ir-rapport jista' jiġi akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti li jqisu evoluzzjonijiet possibbli, b'mod partikolari rigward il-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni.

[12] Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[13] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

(23) Il-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej tas-26 ta' Lulju 1995 [14] u l-Protokolli tagħha tas-27 ta' Settembru 1996 [15] u tad-29 ta' Novembru 1996 [16] u tad-19 ta' Ġunju 1997 [17] għandhom jiġu sostitwiti minn din id-Direttiva b'rabta mal-Istati Membri marbutin b'din id-Direttiva.

(23a) Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 3(4)(d) tad-Direttiva 2015/849, ir-referenza għal frodi serja li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, skont id-definizzjoni fl-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, jenħtieġ li tinftiehem bħala frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif definita fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 7(3) jew, fir-rigward ta' reati kontra s-sistema komuni tal-VAT, fl-Artikolu 2(2) ta' din id-Direttiva.

(24) L-implimentazzjoni kif suppost ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri tinkludi l-ipproċessar tad-data personali fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u l-iskambju tagħha bejn l-Istati Membri minn naħa, u min-naħa l-oħra bejn il-korpi kompetenti tal-Unjoni. L-ipproċessar tad-data personali fil-livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jenħtieġ li jiġi rregolat mill-acquis. L-iskambju ta' data personali bejn l-Istati Membri jenħtieġ li jissodisfa r-rekwiżiti tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI [18]. Sa fejn id-data personali hija pproċessata mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni, huma għandhom ikunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] u mar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet ġudizzjarji.

---

14 ĠU C 316, 27.11.1995, p. 48.

15 ĠU C 313, 23.10.1996, p. 1.

16 ĠU C 151, 20.5.1997, p. 1.

17 ĠU C 221, 19.7.1997, p. 11.

18 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60).

19 Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

(25) L-effett dissważiv intenzjonat fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet tal-liġi kriminali jeħtieġ kawtela partikolari fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari d-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà li wieħed jagħżel impjieg u d-dritt għax-xogħol, il-libertà li wieħed ikollu negozju, id-dritt għall-proprjetà, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, id-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għad-difiża, il-prinċipji tal-legalità u l-proporzjonalità tar-reati kriminali u sanzjonijiet, kif ukoll il-projbizzjoni ta' ġudizzju jew piena doppja fi proċeduri kriminali għall-istess reat kriminali (*ne bis in idem*). Din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għal dawn id-drittijiet u prinċipji u għandha tiġi implimentata kif meħtieġ.

(25a) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw l-irkupru rapidu ta' dawn is-somom u t-trasferiment tagħhom fil-baġit tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi għas-settur rilevanti tal-Unjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkurpu tal-ammonti minfuqa indebitament.

(25b) Il-miżuri u l-pieni amministrattivi jaqdu rwol importanti fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-Direttiva ma teżentax lill-Istati Membri mill-obbligu li japplikaw u jimplimentaw il-miżuri u l-pieni amministrattivi tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4 u 5 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95.

(25c) Din id-Direttiva jenħtieġ li tobbliga lill-Istati Membri biex fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom jipprevedu pieni kriminali fir-rigward tal-atti ta' frodi u reati kriminali relatati mal-frodi li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li għalihom tapplika din id-Direttiva. Din id-Direttiva jenħtieġ li ma toħloqx obbligi fir-rigward tal-applikazzjoni ta' tali pieni jew ta' kwalunkwe sistema oħra disponibbli tal-infurzar tal-liġi, għal każijiet individwali. Fil-prinċipju, l-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw miżuri u pieni amministrattivi b'mod parallel fil-qasam kopert mid-Direttiva. Fl-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali li tittrasponi din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li madankollu jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali ta' reati skont din id-Direttiva u ta' miżuri u pieni amministrattivi ma twassalx għal ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

(25d) Din id-Direttiva jenħtieġ li ma taffettwax il-kompetenzi tal-Istati Membri li jistrutturaw u jorganizzaw l-amministrazzjoni tat-taxxa tagħhom kif jidhrilhom li hu xieraq biex jiżguraw id-determinazzjoni, il-valutazzjoni u l-ġbir korretti tat-taxxa fuq il-valur miżjud, kif ukoll li tiġi applikata b'mod effettiv il-leġislazzjoni dwar il-VAT.

(26) Din id-Direttiva ser tapplika mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet dwar it-tneħħija tal-immunitajiet li jinsabu fit-Trattat, il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u t-testi li jimplimentawhom, jew fid-dispożizzjonijiet simili inkorporati fil-liġi nazzjonali. Fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali kif ukoll fl-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali li tittrasponi din id-Direttiva, dawn il-privileġġi u l-immunitajiet, inkluż ir-rispett tal-libertà tal-mandat tal-Membri, iridu jitqiesu b'mod sħiħ.

(27) Din id-Direttiva hija mingħajr ħsara għar-regoli u għall-prinċipji ġenerali tal-liġi kriminali nazzjonali dwar l-applikazzjoni u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi skont iċ-ċirkustanzi konkreti ta' kull każ individwali.

(28) Ladarba l-objettiv ta' din id-Direttiva ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba raġunijiet ta' skala u effetti, jista’ jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan l-għan.

(29) F’konformità mal-Artikolu 3 u 4a(1) tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva.

(30) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr ħsara għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(31) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

**Titolu I: Is-suġġett u d-definizzjoni**

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi li jirrigwardaw id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, bil-ħsieb li tagħti kontribut effettiv lejn protezzjoni aktar b'saħħitha kontra l-kriminalità li taffettwa dawk l-interessi finanzjarji, f'konformità mal-acquis tal-Unjoni f'dan il-qasam.

*Artikolu 2*

*Definizzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva*

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, 'l-interessi finanzjarji tal-Unjoni' tfisser id-dħul, in-nefqa u l-assi kollha koperti minn, akkwistati permezz ta', jew minħabba:

   (a) il-baġit tal-Unjoni;

   (b) il-baġits tal-istituzzjonijiet, tal-korpi, tal-organi u l-aġenziji stabbiliti skont it-Trattati jew il-baġits immexxija u ssorveljati direttament jew indirettament minnhom.

2. Fir-rigward ta’ dħul li ġej minn riżorsi proprji li joriġinaw mill-VAT, din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika biss f’każijiet ta’ reati serji kontra s-sistema komuni tal-VAT. Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, reati kontra s-sistema komuni tal-VAT għandhom jitqiesu bħala serji meta l-atti jew l-ommissjonijiet intenzjonati definiti fl-Artikolu 3(d) ikollhom rabta mat-territorju ta’ żewġ Stati Membri jew aktar tal-Unjoni Ewropea u jinvolvu dannu totali ta’ mill-inqas EUR 10 miljun.

3. L-istruttura u t-tħaddim tal-amministrazzjoni tat-taxxa tal-Istati Membri mhumiex affettwati minn din id-Direttiva.

**Titolu II: Reati kriminali fil-qasam tal-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

*Artikolu 3*

*Frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jikkostitwixxu reat kriminali, meta jitwettqu intenzjonalment. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, *il-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni* għandhom jikkonsistu minn:

(a) fir-rigward tan-nefqa mhux relatata ma' akkwist, kwalunkwe att jew ommissjoni b'rabta ma':

(i) l-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, li jkollhom bħala effett il-miżapproprijazzjoni jew iż-żamma illeċita ta' fondi jew assi mill-baġit tal-Unjoni jew minn baġits amministrati mill-Unjoni, jew għan-nom tagħha,

(ii) in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni fi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett, jew

(iii) l-użu ħażin ta' tali fondi għal skopijiet oħra għajr dawk li għalihom ġew mogħtija oriġinarjament;

(b) fir-rigward ta' nefqa relatata ma’ akkwist, kwalunkwe att jew ommissjoni b'rabta ma':

(i) l-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, li jkollhom bħala effett il-miżapproprijazzjoni jew iż-żamma illeċita ta' fondi jew assi mill-baġit tal-Unjoni jew minn baġits amministrati mill-Unjoni, jew għan-nom tagħha,

(ii) in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni fi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett, jew

(iii) l-użu ħażin ta' tali fondi għal finijiet oħra għajr dawk li għalihom ġew mogħtija oriġinarjament, li jagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

għall-inqas meta dan isir sabiex jittieħed vantaġġ illegali għall-attur jew għal persuna oħra billi jiġi kkawżat telf lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(c) fir-rigward ta’ dħul ieħor minbarra dħul ġej minn riżorsi proprji li joriġinaw mill-VAT li jissemma fil-punt (d), kull att jew ommissjoni li għandhom x’jaqsmu ma’:

(i) l-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, li jkollhom bħala effett it-tnaqqis illegali tar-riżorsi tal-baġit jew baġits tal-Unjoni amministrati mill-Unjoni, jew għan-nom tagħha,

(ii) in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni fi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett,

(iii) l-użu ħażin ta' xi benefiċċju miksub legalment, bl-istess effett.

(d) fir-rigward ta’ dħul ġej minn riżorsi proprji li joriġinaw mill-VAT, kull att jew ommissjoni mwettqa fi skemi frodulenti transkonfinali fir-rigward ta’:

(i) l-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti relatati mal-VAT li jkunu foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, li jkollhom bħala effett it-tnaqqis tar-riżorsi tal-baġit tal-Unjoni;

(ii) in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-VAT fi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett;

(iii) il-preżentazzjoni ta’ dikjarazzjonijiet korretti relatati mal-VAT għall-finijiet ta’ ħabi frodulenti ta’ nuqqas ta’ ħlas jew ta’ ħolqien illeċitu ta’ drittijiet għal rifużjonijiet tal-VAT.

*Artikolu 4*

*Reati kriminali relatati ma' frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-ħasil tal-flus kif definit fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] li jinvolvi proprjetà rikavata mir-reati koperti minn din id-Direttiva, ikun jikkostitwixxi reat kriminali.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li korruzzjoni passiva u attiva, meta jitwettqu intenzjonalment, ikunu jikkostitwixxu reati kriminali.

   (a) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-korruzzjoni passiva tfisser l-azzjoni ta' uffiċjal pubbliku, li direttament jew permezz ta' intermedjarju, jitlob jew jirċievi vantaġġi ta' kwalunkwe tip, għalih jew għal parti terza, jew jaċċetta wegħda ta' vantaġġ bħal dan, biex jaġixxi jew biex jonqos milli jaġixxi skont dmirijietu jew milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod li jagħmel ħsara jew li x'aktarx jagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

   (b) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-korruzzjoni attiva tfisser l-azzjoni ta' kull min iwiegħed, joffri jew jagħti**,** direttament jew permezz ta' intermedjarju, vantaġġ ta' kwalunkwe tip lil uffiċjal pubbliku għalih innifsu jew għal parti terza biex jaġixxi jew biex jonqos milli jaġixxi skont dmirijietu jew milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod li jagħmel ħsara jew li x'aktarx jagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

[20] ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-miżappropprijazzjoni, meta titwettaq intenzjonalment, tikkostitwixxi kriminali reat.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-miżappropprijazzjoni tfisser att minn kwalunkwe uffiċjal pubbliku inkarigat direttament jew indirettament bil-ġestjoni ta' fondi jew assi, biex jikkommetti jew jiġu żburżjati fondi, jew japproprja jew juża assi, kuntrarju għall-iskop li kienu intenzjonati għalih, u b'mod li jagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

4. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva 'uffiċjal pubbliku' tfisser:

(a) kwalunkwe uffiċjal 'tal-Unjoni' jew 'nazzjonali', inkluż kwalunkwe uffiċjal nazzjonali ta' Stat Membru ieħor u kwalunkwe uffiċjal nazzjonali ta' pajjiż terz;

(i) it-terminu uffiċjal 'tal-Unjoni' għandu jfisser:

kwalunkwe persuna li hija uffiċjal jew impjegat ieħor bil-kuntratt fit-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħrajn tal-Unjoni Ewropea,

kwalunkwe persuna ssekondata lill-Unjoni Ewropea mill-Istati Membri jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat, li twettaq funzjonijiet ekwivalenti għal dawk imwettqa minn uffiċjali jew aġenti oħrajn Ewropej.

Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet dwar il-privileġġi u l-immunitajiet imniżżlin fil-Protokolli 3 u 7 annessi għat-TUE u t-TFUE, il-Membri tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji mwaqqfin f'konformità mat-Trattati u l-persunal ta' tali korpi għandhom jiġu assimilati mal-uffiċjali tal-Unjoni, sa fejn ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea jew il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħrajn tal-Unjoni Ewropea ma japplikawx għalihom;

(ii) it-terminu 'uffiċjal nazzjonali' għandu jinftiehem b'referenza għad-definizzjoni ta' 'uffiċjal' jew 'uffiċjal pubbliku' fid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru jew ta' pajjiż terz li fih il-persuna inkwistjoni tkun qed twettaq il-funzjoni.

Madankollu, fil-każ ta' proċedimenti li jinvolvu uffiċjal ta' Stat Membru, jew uffiċjal nazzjonali ta' pajjiż terz, mibdija minn Stat Membru ieħor, dan tal-aħħar ma jkunx marbut li japplika d-definizzjoni ta' 'uffiċjal nazzjonali' ħlief sa fejn id-definizzjoni tkun kompatibbli mad-dritt nazzjonali tiegħu.

It-terminu 'uffiċjal nazzjonali' għandu jinkludi kwalunkwe persuna li jkollha kariga eżekuttiva, amministrattiva jew ġudizzjarja fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. Kwalunkwe persuna li għandha kariga leġislattiva fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali għandha tiġi assimilata ma' uffiċjal nazzjonali.

(b) kwalunkwe persuna oħra li tiġi assenjata u taqdi funzjoni tas-servizz pubbliku li tinvolvi l-ġestjoni ta' jew deċiżjonijiet dwar l-interessi finanzjarji tal-Unjoni fi Stati Membri jew pajjiżi terzi.

## Titolu III: Dispożizzjonijiet ġenerali li għandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali fil-qasam[...] tal-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni

*Artikolu 5* *Inċitament, għajnuna u kompliċ*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-inċitament, l-għajnuna jew il-kompliċità fit-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jkunu punibbli bħala reat kriminali.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmijin fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 4 (3), ikun punibbli bħala reat kriminali.

*Artikolu 6*

*Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għal kwalunkwe reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3, 4 u 5 li jkun twettaq għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li taġixxi waħedha jew bħala parti minn korp tal-persuna ġuridika, u li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, abbażi ta':
   (a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;
   (b) awtorità li jieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew
   (c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għan-nuqqas ta' sorveljanza jew kontroll minn xi persuna msemmija f'paragrafu 1 li tkun ħalliet jitwettaq, kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika, minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu l-awturi tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jew kriminalment responsabbli skont l-Artikolu 5.

4. Għall-għan ta' din id-Direttiva, 'persuna ġuridika' tfisser kwalunkwe entità li jkollha personalità ġuridika skont il-liġi applikabbli, minbarra l-Istati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat u l-organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

*Artikolu 7*

*Sanzjonijiet għal persuni fiżiċi*

1. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reati kriminali msemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5 għandhom ikunu punibbli b'sanzjonijiet kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmijin fl-Artikoli 3 u 4 jkunu punibbli b'piena massima li tipprevedi l-ħabs.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati kriminali msemmijin fl-Artikoli 3 u 4 jkunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas erba' snin priġunerija meta dawn jinvolvu danni jew vantaġġi konsiderevoli. Id-danni jew vantaġġi tar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(a), (b) u (c) u l-Artikolu 4 għandhom ikunu preżunti li jkunu konsiderevoli meta jinvolvu aktar minn EUR 100 000. Għandu jkun hemm dejjem is-suppożizzjoni li d-danni jew vantaġġi tar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(d) u soġġetti għall-Artikolu 2(2) ikunu konsiderevoli.

   L-Istati Membri jistgħu wkoll jipprevedu piena massima ta' mill-inqas erba' snin priġunerija abbażi ta' ċirkostanzi serji oħra definiti fil-liġi nazzjonali.

4. F'każijiet ta' reati msemmija fl-Artikolu 3(a), (b) u (c) u l-Artikolu 4 li jinvolvu danni ta' anqas minn EUR 10 000 u vantaġġi ta' anqas minn EUR 10 000, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu xi ħaġa oħra minflok sanzjonijiet kriminali.

5. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr ħsara għall-eżerċitar tas-setgħat dixxiplinarji mill-awtoritajiet kompetenti kontra uffiċjali pubbliċi.

*Artikolu 8* *Ċirkostanza aggravanti*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta jitwettaq reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3, 4 jew 5 fi ħdan organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, dan jitqies bħala ċirkostanza aggravanti.

*Artikolu 9*

*It-tip ta' sanzjonijiet minimi għall-persuni ġuridiċi*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tkun meqjusa responsabbli skont Artikolu 6 tiġi soġġetta għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra, bħal:

(a) l-esklużjoni mid-dritt għall-benefiċċji pubbliċi jew l-għajnuna pubblika;

(b) l-esklużjoni temporanja jew permanenti mill-proċeduri ta' offerti pubbliċi;

(c) l-iskwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;

(d) it-tqegħid taħt is-sorveljanza tal-qorti;

(e) l-istralċ ġudizzjarju;

(f) l-għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li ntużaw biex isir ir-reat.

*Artikolu 10* *Friżar u konfiska*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħmlu possibbli l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u l-mezzi strumentali mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5. Dawk l-Istati Membri marbuta bid-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea għandhom jagħmlu dan f'konformità ma' dik id-Direttiva.

*Artikolu 11* *Ġurisdizzjoni*

1. Kull Stat Membru[...] għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati kriminali msemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5 fejn:

   (a) ir-reat ikun twettaq totalment jew parzjalment fit-territorju tiegħu;

   (b) l-awtur tar-reat ikun ċittadin tiegħu.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 fejn l-awtur tar-reat huwa soġġett għar-Regolament tal-Persunal jew tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħrajn fil-ħin tar-reat. Kull Stat Membru[...] jista' joqgħod lura milli japplika, jew jista' japplika biss f'każijiet jew kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti mir-regoli tal-ġurisdizzjoni f'dan il-paragrafu u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

---

21 Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39).

3. Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni meta jiddeċiedi li jistabbilixxi ġurisdizzjoni ulterjuri fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 li jkunu twettqu lil hinn mit-territorju tiegħu, fejn:

(a) l-awtur tar-reat ikun resident abitwali fit-territorju tiegħu;

(b) ir-reat jitwettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu, jew

(c) l-awtur tar-reat huwa wieħed mill-uffiċjali tiegħu waqt id-dover uffiċjali tiegħu jew tagħha.

[...]. Għall-każ imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-ġurisdizzjoni tagħhom ma tkunx subordinata għall-kundizzjoni li l-prosekuzzjoni tista' biss tinbeda wara li jkun sar rapport mill-vittma fil-post ta' fejn ikun twettaq ir-reat, jew denunzja mill-Istat tal-post ta' fejn ikun sar ir-reat.

*Artikolu 12*

*Preskrizzjoni tar-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevedu perijodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u d-deċiżjoni ġudizzjarja tar-reati kriminali msemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5 għal biżżejjed żmien wara li jkunu twettqu dawk ir-reati, b'tali mod li dawk ir-reati jkunu jistgħu jiġu ttrattati b'mod effettiv.

2. L-Istati Membri, f'każijiet ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5 li huma punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas erba' snin priġunerija, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u d-deċiżjoni ġudizzjarja tar-reati kriminali għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perijodu ta' preskrizzjoni li huwa iqsar minn ħames snin, iżda mhux inqas minn tliet snin, sakemm huma jiżguraw li l-perijodu jista' jiġi interrott jew sospiż jekk isiru atti speċifikati.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw l-infurzar ta':

(a) piena ta' aktar minn sena priġunerija, jew alternattivament,

(b) piena ta' priġunerija f'każ ta' reat li huwa punibbli b'piena massima ta' mill-inqas erba' snin ta' priġunerija,

imposta wara kundanna finali għal reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3, 4 u 5, ta' mill-inqas ħames snin mid-data tal-kundanna finali. Dan il-perijodu jista' jinkludi estensjonijiet tal-perijodu ta' preskrizzjoni li jirriżultaw minn interruzzjoni jew sospensjoni.

*Artikolu 13* *Irkupru*

Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr ħsara għall-irkupru

(i) fil-livell tal-UE ta' ammonti mħallsa meta mhux dovut fil-kuntest tat-twettiq tar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1) a, b u c u l-Artikoli 4 u 5;

(ii) fil-livell nazzjonali ta' kwalunkwe VAT mhux imħallsa fil-kuntest tat-twettiq tar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1) d u l-Artikoli 4 u 5.

*Artikolu 14*

*Interazzjoni ma' atti legali applikabbli oħra tal-Unjoni*

L-applikazzjoni ta' miżuri amministrattivi, pieni u multi kif stabbilit fil-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk skont l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament Nru 2988/95, jew fil-liġi nazzjonali adottata skont l-obbligu speċifiku tal-liġi tal-Unjoni, għandhom ikunu mingħajr ħsara għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe proċedimenti kriminali mibdija abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva ma għandhomx jaffettwaw b'mod mhux xieraq l-applikazzjoni korretta u effettiva tal-miżuri amministrattivi, pieni u multi li ma jistgħux jitqiesu ekwivalenti għall-proċedimenti kriminali, stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew mid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali.

**Titolu IV: Dispożizzjonijiet finali**

*Artikolu 15*

*Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea*

*(Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi)*

1. Mingħajr ħsara għar-regoli dwar il-kooperazzjoni transkonfinali u l-assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali, l-Istati Membri, Eurojust, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Kummissjoni għandhom, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, jikkooperaw flimkien fil-ġlieda kontra r-reati kriminali msemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5. Għal dan l-għan il-Kummissjoni, u fejn xieraq l-Eurojust, għandhom jagħtu din l-assistenza teknika u operazzjonali peress li jista' jkun meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet tagħhom.

2. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jistgħu, fil-kompetenzi tagħhom, jiskambjaw informazzjoni mal-Kummissjoni sabiex ikun aktar faċli li jiġu stabbiliti l-fatti u biex tkun żgurata azzjoni effettiva kontra r-reati kriminali msemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu, f'kull każ speċifiku, ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Mingħajr ħsara għal-leġislazzjoni nazzjonali dwar l-aċċess għall-informazzjoni, Stat membru jista' meta jagħti informazzjoni lill-Kummissjoni, għal dak l-għan jistipula kondizzjonijiet speċifiċi li jkopru l-użu tal-informazzjoni, kemm jekk mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru ieħor li jista' jkun qed jingħata l-informazzjoni.

2a. Il-Qorti tal-Awdituri u l-awdituri responsabbli mill-awditjar tal-baġits tal-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji stabbiliti skont it-Trattati, jew il-baġits ġestiti u awditjati mill-istituzzjonijiet, għandhom jiżvelaw lill-OLAF u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kwalunkwe fatt li jsiru jafu bih waqt il-missjoni tagħhom, li jista' jiġi kkwalifikat bħala reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3, 4 u 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-verifika jagħmlu l-istess.

### *Artikolu 16 Sostituzzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej*

Il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropea tas-26 ta' Lulju 1995, inklużi l-protokolli tagħha tas-27 ta' Settembru 1996, tad-29 ta' Novembru 1996 u tad-19 ta' Ġunju 1997 (il-"Konvenzjoni"), hija b'dan sostitwita għall-Istati Membri marbutin b'din id-Direttiva, b'effett minn [il-jum tal-applikazzjoni skont l-Art. 17 (1) it-tieni subparagrafu]. Għall-Istati Membri marbutin b'din id-Direttiva, ir-referenzi għall-Konvenzjoni għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva.

### *Artikolu 17 Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [sentejn wara l-adozzjoni], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

   Għandhom applikaw dawk il-miżuri minn … .

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza u kif għandha tiġi fformulata dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b' din id-Direttiva.

*Artikolu 18*

*Rappurtar u analiżi*

1. Il-Kummissjoni għandha, sa [24 xahar wara l-iskadenza għall-implimentazzjoni tad-Direttiva] tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa fejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

2. Mingħajr ħsara għal obbligi ta' rappurtar stabbiliti f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni, kull sena l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-istatistika li ġejja dwar ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 5 lill-Kummissjoni, jekk din tkun disponibbli fil-livell ċentrali fl-Istat Membru kkonċernat:

   (a) l-għadd ta' proċedimenti kriminali mibdija, l-għadd ta' proċedimenti arkivjati, l-għadd ta' proċedimenti li rriżultaw f'liberazzjoni, l-għadd ta' proċedimenti li rriżultaw f'kundanna u l-għadd ta' proċedimenti li għadhom għaddejjin;

   (b) l-ammonti rkuprati wara l-proċedimenti kriminali u l-istima tad-danni.

3. Il-Kummissjoni għandha, sa [60 xahar wara l-iskadenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva], tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-impatt tal-liġi nazzjonali li tittrasponi din id-Direttiva fuq il-prevenzjoni ta' frodi kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni għandha wkoll, sa 36 xahar wara l-iskadenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u abbażi ta' data miġbura mill-Istati Membri, tivvaluta, fir-rigward tal-objettiv ġenerali li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jekk

– il-limitu indikat fl-Artikolu 2(2) huwiex adatt,

– id-dispożizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni fl-Artikolu 12 ikunux effettivi biżżejjed,

– din id-Direttiva tindirizzax b'mod effettiv każijiet ta' frodi fl-akkwist,

u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ir-rapporti msemmijin f'dan il-paragrafu għandhom ikunu akkumpanjati, jekk ikun meħtieġ, minn proposta leġislattiva li tista' tinkludi dispożizzjoni speċifika dwar il-frodi fl-akkwist.

*Artikolu 19* *Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 20* *Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew* *Għall-Kunsill*
*Il-President* *Il-President*